# ĦDEJN KNISJA MWARRBA

**Poeżija ta’ Ġorġ Zammit**




**Preżentazzjoni mħejjija minn Ann Marie Schembri**



Siekta, waħdek, omm minsija,

Wens il-waħx ta’ dawn l-għoljiet,

Fqajra, mneżżgħa, titfa’ ħarstek

Fuq il-wied taż-żminijiet.

Bieb immermer, twieqi mġarrfa,

Kampnar ċkejken bla qanpiena,

Wieqfa biss għax Alla jridek,

Qisek armla titlob ]niena.



Madankollu fuq ix-xagħri,
Bejn il-blat, fuq il-ħaxix
Hemm eluf t’għajnejn jitbissmu,
Minn kull lewn, kollhom tgħammix.

Bħal ħuġġieġa l-ħajja tixgħel
Fost iż-żuber ta’ madwarek.
Kesa l-lewża bil-blanzuni
Frar, li fawwar ħoġor bjarek.

Leslie Vella



Fuq is-siġar, qisu ħolma,
Qalbu bl-għana dalwaqt tfur,
Jitla’, jinżel jew jinħeba
Mimli hena u ġid, l-għasfur,

Waqt li, qisha kor tas-sema
Li tixtieq tgħannilek miegħi,
Tgħaddi, tgħib u terġa’ ssejjaħ
żiffa ħelwa qalb il-friegħi.

Jgħanni l-bidwi ġewwa l-għolja
Fuq ir-raded tal-moħriet.
Kollox ħaj.  Int biss imbikkma
Fuq il-wied taż-żminijiet.

Int m'intix ta' din id-dinja:
Ward u siġar u bnedmin
Rajt bil-gzuz jiġu u jmorru,
Jidhru u jgħibu f'damm is-snin.



Ġew u marru.  Int bqajt dejjem

Wieqfa, ssaltan fuq is-skiet.

Int m'intix ta' din id-dinja:

Ma jaħkmukx iż-żminijiet.

